Ħbieb
il-Kappelli
Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

April 2026

Ħarġa Nru 57



Hbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
e-mail: **hbiebkappellimaltin2024@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

**Kumitat 2026-2028**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Midja Soċjali**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Wara li ċċelebrajna kemm il-ġimgħa qaddisa li wasslitna sal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll l-Għid il-Kbir, issa nidħlu għal xhur aktar kalmi sakemm nibdew l-istaġun sajfi tal-festi.

Nispera li l-attività ta' Marzu organizzata mill-Kumitat sibtuha nteressanti. Apparti l-knisja tal-Palazz Verdala, li wieħed jista jaraha u jżura meta l-palazz ikun miftuħ għal xi okkażjoni, żorna żewġ knejjes żgħar li diffiċli li wieħed jsibhom miftuħin. Imma għalkemm knejjes sempliċi, it-tnejn kellhom storja nteressanti li tmur lura mijiet ta' snin.

Għax xahar t' April, se nżuru tliett knejjes żgħar, iżda sinifikanti, mibnija mill-Ordni ta' San Ġwann fil-belt il-ġdida sabiex jaqdu l-ħtiġiet kemm tagħhom bħala Ordni kif ukoll għall-komunitajiet li bdew jgħixu fil-viċinanzji ta' dawn il-knejjes. Qed nirreferi għall-knejjes ta' Santa Luċija, tal-Madonna ta' Liesse, u dik tal-Ħarba lejn l-Eġittu, illum magħrufa bħala tal-Waterfront. L-ewwel waħda kienet taqdi l-ħtiġiet spritwali tan-negozjanti, dik ta' Liesse lil baħħara u l-aħħar waħda lil dawk li kienu jaħdmu fl-imħażen tal-Ordni. Tliett knejjes li llum sarilhom restawr u jinsabu fi stat tajjeb ħafna. Barra minn hekk it-tlieta li huma għadhom sallum iservu sabiex jinżammu l-quddies.

Narawkom ħbieb

*N. Gingell*

*Għall - Kumitat*



***Il-membri jisimgħu tagħrif dwar il-Kappella ta' San Anton Abbati fil-Palazz Verdala***

*Ritratt:Owen Caruana*

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-Kappella ta' San Nikola u Santa Luċija biswit il-Palazz tal-Verdala

Ritratt: Norbert Gingell

# Il-Kappella ta' San Nikola u Santa Luċija, Buskett (fil-limiti bejn ir-Rabat u s-Siġġiewi)



Fl-imgħoddi xi nobbli u xi kavallieri sinjuri kienu jibnu xi kappella għall-użu personali tagħhom u ta' qrabathom. Dan kien isir għal diversi raġunijiet fosthom l-iktar komuni biex fihom jindifnu huma jew membri tal-familja tagħhom. Raġunijiet oħra kienu biex juru d-devozzjoni li kellhom għal xi qaddisin partikolari kif ukoll għal raġunijiet ta' prestiġju, għax li jkollok kappella privata tiegħek kienet tfisser ħafna f'dawk iż-żminijiet. Kien għalhekk iżommu wkoll id-dritt li jaħtru r-retturi tagħhom huma stess. Għalkemm ma kienux jappartjenu lill-knisja, dawn il-kappelli xorta kien isirilhom żjarat pastorali sabiex jiġi aċċertat li dawn il-kappelli kienu qed jinżammu fi stat tajjeb biex isir il-quddies fihom. Dawn it-tip ta' kappelli privati jissejħu *ġuspatronat*.

Meta kienet issir żjara pastorali, l-isqof kien jibgħat l-atti taż-żjara lill-Kurja (jew ekwivalenti) iżda kienet tingħata wkoll kopja tar-rapport biex tinżamm fl-arkivju tal-parroċċa li taħtha kienet taqa' l-kappella. Fil-każ tal-kappelli privati jew ġuspatronat, din il-kopja kienet tingħata lis-sid u għalhekk dawn ġieli ntilfu. Iżda fl-atti oriġinali tal-isqof tinsab l-informazzjoni kollha fuq dawn il-kappelli wkoll.

Waħda minn dawn il-kappelli privati hija dik iddedikata lil San Nikola u Santa Luċija li tinsab fil-lok imsejjaħ *Ġnien il-Far*, fit-triq li mill-Buskett tagħti għall-Girgenti, fil-limiti tas-Siġġiewi. Dan il-maqdes jinsab eżattament qrib ħafna tal-Palazz Verdala, fil-limiti tar-Rabat. Għal din ir-raġuni hemm diffikulta jekk din il-kappella tagħmilx mar-Rabat jew inkella mas-Siġġiewi.

Ħadd ma jaf eżatt meta nbniet l-ewwel knisja. Li hu żgur hu li kienet diġa mibnija fl-1575, għaliex Monsinjur Pietru Dusina f'dik is-sena, għamel viżta pastorali fir-Rabat, u semmiha fir-rapport tiegħu. Hu qal ukoll, li kien hemm żewġ knejjes imissu ma' xulxin u hu għaqqadhom u għamilhom knisja waħda. Din il-kappella ħelwa, li hi propjetà tal-familja Testaferrata Viani, inbniet darbtejn. Nafu wkoll fiż-żgur li din il-kappella kienet ġiet ittraskurata u waqgħet. Fl-1706 reġgħet inbniet minn ċertu Agostin Agius.

Skont rapport li għamel l-isqof Davide Cocco Palmieri fil-viżti pastorali li għamel fir-Rabat bejn l-1708 u l-1710 qal li din il-knisja kienet miżmuma tajjeb, u li kellha altar wieħed tal-ġebel. Din il-kappella kellha ikona skambell tal-injam bi xbieha tal-Madonna bil-Bambin, San Nikola u Santa Luċija. Quddiemu kien hemm imdendel lampir bil-lampa. Din il-kappella kellha l-obligi li jinxtegħel il-lampier kull nhar ta' Sibt, u li jsir il-quddies fil- festi ta' San Nikola u Santa Luċija. Dan kien ħallas għalihom ċertu Agostin Agius fis-sena 1651.

Qabel il-gwerra, l-Kleru tar-Rabat kien ikanta l-vespri u jqaddes quddiesa f'din il-kappella fis-6 ta' Diċembru, fil-festa ta' San Nikola, u fit-13 ta' Diċembru fil-festa ta' Santa Luċija.



Ħarsa lejn l-altar ewlieni

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija din il-knisja serviet bħala ċentru ta' refuġju, għal numru ta' refuġjati. Fost dawn kien hemm familja mir-Rumanija. Insibu li fl-1941, tfajla ta' erbatax-il sena minn din il-familja inqatlet minn bomba tal-ajruplani Ġermaniżi li kienet waqgħet qrib tal-kappella. Il- kappella tgħeżżet iżda ma ġarbet l-ebda ħsara fil-kostruzzjoni tagħha. Iżda l-kwadru titulari ġarrab ħsarat kbar, tant hu hekk li kellu jiġi mneħħi. Dan il-kwadru kien juri lill-Madonna b'Ġesù Bambin fi ħdanha u San Nikola u Santa Luċija bil-wieqfa fil-ġnub fil-parti t'isfel tal-kwadru. F'din il-pittura kien hemm ukoll l-arma ta' Agostin Agius li bena l-kappella.

Fl-1944 din il-kappella għaddiet f'idejn il-patrijiet Agostinjani biex jieħdu ħsiebha. Wara, għamlet xi żmien mitluqa, u fl-1960 ċertu patri Agostinjan, Patri Rafel Azzopardi, irranġaha u reġa' berikha. Dan l-aħħar kien isir it- tagħlim tal-katekiżmu mill-fergħa tal-Legion Of Mary tal-Buskett, u kienu jsiru rtiri reliġjużi fiha.

Fis-sittinijiet, din il-kappella kellha bħala kwadru titulari biċċa xogħol mill-isbaħ tal-pittur Malti Ġużeppi Briffa. Dan il-kwadru jiffigura lil Kristu b'idejħ miftuħin u lil San Nikola ta' Bari u lil San Publiju għarrkubbtejhom quddiemu. Fil-ġnub ta' dan il-kwadru hemm żewġ kwadri oħra, wieħed ta' Santa Luċija u l-ieħor ta' San Nikola.



Il-kappella, li llum tinsab xi ftit abbandunata, għandha għamla rettangolari u msaqqfa b'saqaf troll għoli li jistrieħ fuq erba arkati li jitilgħu minn fuq gwarniċa għolja li ddur mal-erba' ħitan tal-kappella.

Din il-knisja għandha altar wieħed tal-ġebel, u quddiemu hemm altar mejda. Fuq l-altar tal-ġebel jidher il-post fejn kien imdendel il-kwadru titulari. Flok il-kwadru titulari, insibu tlett kwadri wieħed ta' San Nikola, ieħor ta' Santa Luċija u kwadru ieħor ta' Santa Rita. F'din il-knisja hemm ukoll set ta' kwadri żgħar tal-Via Sagra.

Minn barra, din il-kappella għandha faċċata sempliċi, imma ħelwa. Fuq il-bieb ewlieni, li qiegħed fin-nofs tal-faċċata, hemm tieqa tonda li qegħda tagħti l-arja u d-dawl lil din il-knisja. Fuq din it-tieqa kien hemm erba armi. Ta' fuq nett, hi tal-Gran Mastru Martin De Redin. Taħt, dik li kienet tax-xellug, kienet tal-Gran Mastru Jean Paul Lascaris Castellar. Ħdejha kien hemm tal-isqof Balaguer Camarasa, u l-oħra, li kienet taħt, kienet tal-familji Agius u Xerri. Illum dawn kienu waqgħu u ma reġgħux tpoġġew. Fuq l-arma li l-aktar qegħda fl-għoli, jiġifieri dik tal-Gran Mastru De Redin, insibu salib tal-ġebel.



Fin-naħa t'isfel tal-faċċata hemm żewġ twieqi żgħar li illum huma imbarrati bil-ġebel. Dawn qabel kienu jintużaw biex meta din il-kappella kienet tkun magħluqa, ir-raħħala ta' dawk l-inħawi kienu jkunu jagħmlu xi talba qasira minn dawn it-twieqi.

Fuq il-parti ta' fuq, fuq il-ħajt tal-ġenb tan-naħa tax-xellug, hemm kampnar żgħir. Mal-ġnub tal-knisja hemm għelieqi maħduma.

Dan l-aħħar din il-kappella għamlet xi żmien mitluqa, iżda xi żmien ilu għaddiet f'idejn sid ġdid u kien hemm il-ħsieb li tiġi rrestawrata.

*Kitba ta' Joe Brincat*
*Silta mill-artiklu li jidher fuq*
*s-sit www.kappellimaltin.com*
*Ritratti: N Gingell, Mario Micallef*

# KAPPELLA SAN ĠWANN IL- BATTISTA U SAN ANTON ABBATI, PALAZZ VERDALA, BUSKETT





Il-kappella oriġinali

Meta qrib is-sena 1586 il-Gran Mastru Fra Ugo Loubenx de Verdalle qabbad lill-perit Malti Ġlormu Cassar biex jibnilu palazz-kastell fuq l-għolja qrib il-Buskett, hu ried li fil-ġnien tiegħu u fil-bini ta' quddiem il-palazz tinbena kappella żgħira. Din damet tintuża għal madwar tmenin sena.

Imbagħad, il-Gran Mastru Fra Rafel Cotoner beda l-bini ta' waħda ġdida li kienet akbar, preċiż ħdejn il-bieb ewlieni tal-palazz u hija dik li naraw illum. Din tkompliet minn ħuh u suċċessur tiegħu l-Gran Mastru Fra Nikol Cotoner.

Il-faċċata tal-kappella għandha żewġ pilastri Doriċi twal fil-kantunieri li jerfgħu entablatura li ddur mal-binja kollha. Fil-faċċata hemm pediment jew frontispizju triangolari, li f'nofsu hemm is-salib bi tmien ponot tal-Ordni. Dan insibuh dejjem fuq kull knisja jew kappella li bnew il-Kavallieri. Fil-kantunieri mbagħad hemm speċi ta' piramidi bi sfera fuqhom. Il-ħitan ta' din il-faċċata għandhom il-panewwijiet.



Il-bieb ta' stil rinaxximentali wkoll għandu żewġ pilastri Doriċi fil-ġnub u fuqhom hemm pediment segmentali maqsum li f'nofsu nerġgħu nsibu l-arma tal-Cotoner. Aktar 'il fuq insibu tieqa rettangolari. Fuq in-naħa ta' wara hemm kampnar b'qanpiena waħda.

Giovanni Bonello jattribwixxi d-disinn ta' din il-kappella lill-perit tal-Ordni Francesco Buonamici li bena knejjes oħra f'pajjiżna. Il-kappella bdiet tinbena fis-sena 1663 u tlestiet madwar sena wara. Hija għandha għamla rettangolari u msaqqfa b'saqaf troll għoli li jistrieh fuq ħames arkati li jitilgħu minn fuq gwarniċa għolja li ddur mal-ħitan kollha tal-kappella



Il-presbiterju hu mifrud mill-bqija tal-kappella minn żewġ pilastri ta' stil Doriku, wieħed fuq kull naħa. Fil-għoli tal-ħitan tal-ġnub hemm żewġ twieqi li jdawlu l-kappella. L-altar għandu perspettiva sabiħa magħmula minn żewg kolonni skolpiti fin-naħa t'isfel bix-xitla tal-qoton (mill-arma tal-aħwa Cotoner) u b'kapitell ta' stil Kompost. Dawn isostnu entablatura skolpita wkoll bi gwarniċun sabiħ, li fuqu hemm żewġ nofsijiet ta' pediment segmentali maqsum, u li fuqhom għandhom żewġ anġli bil-qegħda. F'nofshom, miżmuma minn żewġ anġli oħra, hemm l-arma ta' Cotoner b'kuruna miftuħa fuqha. L-altar għandu tabernaklu tal-ġebel maħdum tajjeb ħafna.

Żewġ bibien ma' ġenb l-altar jagħtu għas-sagristija li hemm fuq wara, u fuq il-bibien żewġ gwarniċi skolpiti fil-ġebel li fihom żewġ kwadri tal-pittura.

Bħal f'kappelli oħra li bnew l-aħwa Cotoner, (ta' Sarria fil-Floriana u tal-Mirakli f'Ħal Lija) wkoll fil-kappella tal-Buskett insibu kwadri li ħarġu mill-pinzell tal-Kalabriż Mattia Preti jew mill-bottega tiegħu. It-titular hu wieħed mill-isbah li pitter Preti f'Malta. F'dan il-kwadru, esegwit b'kuluri delikati u kważi trasprenti, naraw lill-Madonna li f'ħoġorha żżomm lil Binha. Quddiemha San Ġwann il-Battista, b'wiċċ ta' żagħżugħ mill-isbaħ, qieghed juri l-ħaruf lill-Bambin u ħdejh bil-qegħda jidher Sant' Anton Abbati flimkien mal-ħanżira. Warajhom jidher anġlu jżomm l-istandard tal-Ordni li fih tidher ukoll il-xitla tal-qoton. Sabiħ ukoll l-anġlu li jiġbed il-velu abjad tal-Madonna.



It-titular ta' Mattia Preti



San Nikola ta' Bari



l-Arkanġlu Rafel

Fil-ġnub tal-perspettiva tal-altar hemm żewġ kwadri oħra tal-Preti. Fihom jidhru l-Arkanġlu Rafel u San Nikola ta' Bari, il-qaddisin protetturi tal-aħwa Gran Mastri Cotoner. Żewġ kwadri oħra li ħarġu mill-bottega tal-Preti juru lil Kristu jidher lil San Tumas u l-ieħor il-Martirju ta' Ġwanni l-Battista.

Fil-kappella nsibu sett bankijiet twal tal-ġewż u niċċa bl-istatwa ta' Santa Rita ta' Cascia, xogħol l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Fin-naħa t'isfel tal-kappella, mal-ħajt hemm basso-riljev skolpit fil-ġebla Maltija li fl-1887 nġieb mill-kappella mwaqqgħa li kienet tinsab ħdejn il-palazz ta' Verdala u magħrufa bħala Santa Marija ta' Xewxa. Din kienet inbniet mill-familja Calava' qrib is-sena 1550. Biż-żmien sfat ittraskurata sakemm waqgħet u l-fdalijiet tagħha nqerdu għal kollox u llum ma fadal xejn minnha. Dan il-basso-riljev huwa biċċa xogħol sabiħa tal-iskultura ta' stil Barokk u għalkemm ma nafux min għamlu jidher li ġej minn idejn tajba ħafna. Huwa juri lill-Familja Mqaddsa u taħtu hemm irħama li turi l-istorja tiegħu.



Kristu jidher lil San Tumas



il-Martirju ta' Ġwanni l-Battista.

Il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna u mgħammra b'dak kollu li hu meħtieġ għall-kult divin u fiha ssir quddiesa kull nhar ta' Sibt fis-7.00 ta' filgħaxija u l-Ħadd fit-8.00 ta' fil-għodu u kif ukoll fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-patrijiet Agostinjani li ilhom jieħdu ħsieb il-kappella sa mill-1944 u li jqaddsu fiha, jagħmlu l-festa ta' Santa Rita fil-Ħadd li jaħbat wara t-22 ta' Mejju meta l-kappella tiżżejjen b'damask mill-ifjen.




Il-basso riljev stil Barokk li juri lill-Familja Mqaddsa

*Kitba ta' Anthony M. Brincat*
*Silta mill-artiklu li jidher fuq is-sit www.kappellimaltin.com*
*Ritratti: N Gingell, Mario Micallef*

# Il-knisja ta' San Blas, fil-limiti tas-Siġġiewi; Ġuspatronat tal-Imdina



Kappella oħra li nsibu fil-kampanja Maltija hija dik iddedikata lil San Blas, Isqof. Din tinsab fit-triq li mir-Rabat tagħti għas-Siġġiewi. L-inħawi tal-madwar huma magħrufin bħala *"ta' San Blas"* appuntu minħabba din il-kappella. Għalkemm din il-kappella hi aktar viċin is-Siġġiewi, tagħmel mal-Katidral tal-Imdina u hija ġuspatronat tal-istess Katidral.

San Blas kien Isqof ta' Sebaste fl-Armenja fis-seklu IV. Hu ħa l-martirju tiegħu fi żmien il-ħakma ta' Licinius, madwar is-sena 316. Ftit nafu fuq il-ħajja tiegħu iżda lejn is-seklu tmienja bdew jinbtu leġġendi dwar ħajtu fil-martirjoloġiji ta' dak iż-żmien u oħrajn ta' aktar tard bħall-"*Legenda Aurea*" ta' Jacopus Voragine. Dawn jgħidulna li San Blas twieled għand familja għanja u nobbli Nisranija. Jingħad li kien tabib iżda n-nies ta' Sebaste għażluh bħala Isqof tagħhom. Kif kien għadu kemm sar Isqof, bdiet il- persekuzzjoni kontra l-Insara u hu ħarab lejn l-għoljiet sabiex ma jinqabadx. Iżda xi nies tal-gvernatur sabuħ f'għar, imdawwar minn annimali selvaġġi morda li kien qed jieħu ħsieb. Huwa ittieħed priġunier fuq kmand tal-gvernatur Agricolaus u ntefa' fil-ħabs. Minħabba l-ġibda li kellu lejn l-annimali selvaġġi, hu jitqies bħala l-patrun tagħhom.

Waqt li kien fil-ħabs San Blas għamel miraklu meta fejjaq tifel li kellu xewka ta' ħuta mwaħħla fi griżmejh u li minħabba fiha kien qed jifga. Minħabba f'hekk San Blas sar magħruf ukoll bħala qaddis li jfejjaq il-mard tal-grieżem, li fil-Medju Evu kien joqtol għadd ta' tfal. Fil-ħabs tawħ għadd ta' torturi, fosthom li ħallewh bil-ġuħ għal ħafna żmien. Iżda mara salvatu billi kienet teħodlu x'jiekol u xi xemgħat fil-ħabs. Fl-aħħar hu inagħta l-martirju bil-qtugħ tar-ras.



Sa ftit taż-żmien ilu f'Malta kienu jbierku ħbejżiet u jitqassmu 'l dawk preżenti fil-festa tiegħu. Dan kien isir kemm fil-Katidral tal-Imdina kif ukoll fil-knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt. Illum din iċ-ċerimonja ssir fil-kappella li qed niddeskrivu hawn. Isir ukoll it-tberik tal-annimali u tal-

prodotti agrikoli bħal żejt u larinġ. Barra minn Malta fil-festa tal-qaddis fil-knisja ssir ċerimonja fejn il-qassis iżomm żewġ xemgħat fuq ras in-nies u jgħid din it- talba: "*Mulej isma' t-talb tal-martri tiegħek San Blas. Agħtina l-hena u l-paċi f'din id-dinja u għenna naqilgħu il-ferħ ta' dejjem*". Il-qassis ukoll imiss il-griżmejn tan-nies bix-xemgħa mbierka waqt li jgħid din it-talba: "*Nitolbu biex bl-interċessjoni ta' San Blas Alla jħarisna mill-mard tal-grieżem u minn kull deni ieħor*".




**San Blas Isqof** (kopja)
*Giuseppe D'Arena ( c. 1643 - 1719 )*
*Kappella San Blas - Siġġiewi*
*L-oriġinal jinsab fil-Mużew tal-Katidral - Imdina*

Hawn Malta San Blas jitqies ukoll bħala protettur tal-qbiela u jiġi nvokat waqt il-ħlas. Waqt il-ħlas, kienet tingħad din it-talba: "*San Blas, San Blas, wessa' t-toqba u ċekken ir-ras!*".

Fl-ikonografija ġeneralment naraw 'il dan il-qaddis b'xemgħa jew tnejn imsallbin f'idejh jew inkella ġo għar imdawwar mill-annimali selvaġġi kif kienu sabuħ in-nies tal-gvernatur. Ma tonqosx ukoll il-palma simbolu tal-martri. Hawn Malta teżisti biss kappella waħda ddedikata 'l dan il-qaddis, għalkemm darba kienet teżisti waħda oħra wkoll fin-Nadur f'Għawdex. Illum għadna naraw statwa waħda biss fit-toroq li tirrappreżenta 'l dan il-qaddis u din appuntu tinsab ukoll fin-Nadur. Naturalment ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-bajja sabiħa f'Għawdex imsemmija għalih.

Il-festa tiegħu taħbat fit-3 ta' Frar għalkemm il-kalendarju Grieg iqiegħed il- festa tiegħu nhar il-11 ta' Frar. San Blas huwa meqjum kemm mill-knisja Kattolika kif ukoll minn dik Armena. San Blas huwa wkoll wieħed mill-14 Qaddis Awżiljarji tal-Knisja Kattolika.

Jidher li din il-kappella inbniet għall-ewwel darba fl-1430. Fl-atti taż-żjara ta' monsinjur Pietru Dusina din il-kappella ma tissemhiex, forsi għax dak iż- żmien kienet diġà mġarrfa. Iżda jsemmi li t-Teżorier tal-Katidral, li fl-1575 kien dun Pietro Cubelles, kien igawdi l-Prebenda ta' San Blas tar-Rwieħ.

Il-kappella reġgħet inbniet fl-1691 mill-kanonku Antonio Manso, li dak iż- żmien kien igawdi l-Prebenda ta' San Blas. Dan kien fiż-żmien il-Gran



**Statwa tal-ġebel ta' San Blas li tinstab fis-sagristija**



Mastru Fra Gregorio Carafa u l-Isqof ta' Malta Fra Davide Cocco Palmieri. Dan kollu huwa mfakkar f'irħama li hemm fuq ġewwa tal- bieb.

Il-kappella għandha pjanta rettangolari b'saqaf troll li jistrieħ fuq ħames arkati. Fuq l-altar tal-ġebel, li qiegħed f'daħla mhux fonda bejn żewġ pilastri ta' stil Toskan u magħluqa b'arkata, kien hemm pittura tal-qaddis, xogħol ta' Giuseppe D'Arena (1633-1719). Din illum tinsab fil-Mużew tal- Katidral u flokha tqiegħdet kopja għal raġuni ta' sigurtà. Fuq il-gwarniċ tal- kwadru hemm żewġ anġli li jżommu skrizzjoni. L-altar qiegħed tarġa għola mill-kumplament tal-knisja. L-art tal-kappella hi taċ-ċangatura li flimkien mal-ħitan li tqaxxru fuq il-ġebla jagħtu dehra ferm sabiħa lil din il-knisja.

Minn fuq l-altar hemm żewġ biebien, li minnhom tista' tidħol għas-sagristija. Fis-sagristija hemm statwa tal-ġebel tal-qaddis. Minn hemm tista' titla' garigor dejjaq li jwasslek sa fuq il-bejt ta' din il-kappella.



Il-faċċata hi sempliċi ħafna, b'żewġ pilastri fil-ġenb u li fuqhom għandhom speċi ta' żewġ balavostri tal-ġebel forma ta' fjamma. Bejniethom hemm frontispizju triangolari u kampnar żgħir ħafna, illum mingħajr qanpiena. Fuq il-bieb hemm gwarniċa u aktar 'il fuq hemm tieqa tonda. Fuq il-ħitan tal-ġenb naraw żewġ imwieżeb li jarmu l-ilma tax-xita minn fuq il-bejt. Fuq wara tal-knisja hemm kampnar ieħor. Il-bieb tal-injam fih żewġ twieqi żgħar sabiex id-devoti kienu jkunu jistgħu jinvistaw anke meta l-knisja tkun magħluqa.

Xi ftit tas-snin ilu din il-kappella giet restawrata għalhekk tinsab f'kundizzjoni tajba. Illum fiha ssir quddiesa fil-għodu kull l-ewwel Ħadd tax-xahar.

*Kitba ta' Anthony M. Brincat*

*Silta mill-artiklu li jidher fuq is-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: N Gingell, Mario Micallef*

# ŻJARA FL-ARKIVJI NAZZJONALI TA' SANTU SPIRTU, RABAT











# Palazz Verdala



Il-membru tal-Għaqda, is-Sur George Farrugia, li huwa restawratur, spjega r-restawr li kien għamel fis-saqaf tal-Palazz meta kixef il-pitturi li kien hemm wara li ġew mgħottija minn mart il-Gvernatur .



Membru ġdid tal-Għaqda, is-Sur Freddie Fenech, li huwa artist, irregala pittura tiegħu tal-Palazz Verdala lis-Sur Twanny Mifsud, il-gwardjan li jieħu ħsieb kemm il-Palazz kif ukoll l-kappella ta' San Anton Abbati, fil-presenza tal-President tal-Għaqda, Miriam Schembri.

Il-familja tas-Sur Mifsud ilhom gwardjani tal-Palazz u tal-kappella sa minn żmien nannuh, jiġifieri aktar minn 100 sena